**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM il-Ħamis, 29 ta' Settembru, 2016**

**Kawża Nru 107**

**Rik. Nru. 92/13JRM**

Grezzju u Carmela konjuġi **GALEA** bħala kuraturi ta' binthom Nathalie Galea

vs

Dentist Dottor Paul **VELLA** u Dentist Dottor James Galea

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-31 ta' Jannar, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi fil-kwalita' tagħhom ta' kuraturi ta' binthom Nathalie Galea, jitolbu li din il-Qorti (a) issib li l-imħarrkin, jew lil min minnhom, huma responsabbli għad-danni u spejjeż mġarrba minnhom minħabba n-nuqqas ta' ħila, traskuraġni, u nuqqas ta' ħsieb u

għaqal fit-twettiq ta' interventi dentali li saru fuq l-attriċi Nathalie Galea mill-istess imħarrkin; (b) tillikwida d-danni u l-ispejjeż imġarrbin minnhom, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' Perit imqabbad mill-Qorti; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, sabiex iħallsu d-danni u spejjeż hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjez u l-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-7 ta' Frar, 2013[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-partijiet dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-8 ta' Marzu, 2013, li biha l-imħarrek Dentist Dottor James Galea laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni hija preskritta skond d-disposizzjoni tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, ċaħad t-talbiet attriċi billi jgħid li qeda tajjeb dmirijietu kif jitolbu s-sengħa u l-ħila professjonali tiegħu. Jgħid ukoll li l-atturi *nomine* ma ġarrbu l-ebda danni;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-11 ta' Marzu, 2013, li biha l-imħarrek Dentist Dottor Paul Vella laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni hija preskritta skond id-disposizzjoni tal-artikolu 2149(b) u 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, ċaħad t-talbiet attriċi billi jgħid li ma kkawża ebda dannu lill-atturi, kif ukoll li dejjem ta servizz kif titlob il-professjoni, u mexa bi prudenza u diliġenza;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-20 ta' Marzu, 2013[2], li bih ordnat li l-partijiet iressqu provi u li ssir it-trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari tal-preskrizzjoni mqajmin mill-imħarrkin;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiemha (diversament presjeduta) marbuta mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-28 ta' Ottubru, 2013[3], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet[4] imressqa mill-imħarrek Dentist Dottor Paul Vella fit-23 ta' Diċembru, 2013;

---

[1] Paġ. 21 tal-proċess
[2] Paġ. 42 tal-proċess
[3] Paġ. 57 tal-proċess
[4] Paġġ. 66 – 8 tal-proċess

Rat is-surroga tal-24 ta' Jannar, 2014[5], li biha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet[6] imressqa mill-atturi fis-27 ta' Jannar, 2014, bi tweġiba għal dik tal-imħarrek Dentist Dottor Paul Vella;

Rat li, minkejja d-degriet tagħha tat-2 ta' April, 2014[7], li bih tat lill-imħarrek Dentist Dottor James Galea żmien biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu, naqas li jagħmel dan. Fl-istess degriet, il-Qorti ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tal-għeluq;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq mill-partijiet[8] fuq l-eċċezzjonijiet marbuta mal-preskrizzjoni;

Rat in-nota mressqa mill-imħarrek Dentist Dottor Paul Vella fid-29 ta' Mejju, 2014[9], li biha rtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu tal-preskrizzjoni safejn tissejjes fuq l-artikolu 2149(b) tal-Kodiċi Ċivili;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni minħabba prattika professjonali ħażina. L-atturi jgħidu li l-imħarrkin naqsu milli jwettqu b'ħila l-professjoni tagħhom f'sensiela ta' interventi dentali li saru fuq binthom l-attriċi Nathalie Galea bejn Awwissu tal-2005 u Diċembru tal-2009. L-atturi jridu li l-Qorti ssib li l-imħarrkin, jew min minnhom, ħatja li naqsu li jwettqu dmirijiethom bħala Dentisti, u biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara li ġarrbu minħabba n-nuqqas tagħhom;

[5] Paġġ. 70 – 1 tal-proċess
[6] Paġġ. 66 – 8 tal-proċess
[7] Paġ. 78 tal-proċess
[8] Paġ. 79 tal-proċess
[9] Paġ. 80 tal-proċess

Illi l-imħarrkin jgħidu, fost oħrajn, li f'azzjoni bħal din, l-atturi messhom mexxew fi żmien sentejn skond l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk jeċepixxu li l-azzjoni attriċi waqgħet billi laħaq għadda ż-żmien li fiha kellha titressaq;

Illi l-atturi, min-naħa l-oħra, jgħidu li ż-żmien mogħti lilhom bil-liġi li fih setgħu ressqu t-talbiet tagħhom huwa ta' ħames snin;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar jekk huwiex minnu li l-azzjoni tal-atturi waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Dan qiegħed jingħad wara li l-imħarrek Vella irtira l-istess eċċezzjoni safejn kienet tinbena fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2149(b) tal-imsemmi Kodiċi;

Illi bħala **fatti relevanti** illi joħorġu minn din il-kawża jirriżulta li bint l-atturi, l-attriċi Nathalie Galea, kienet taħt il-kura tal-imħarrek Dentist Dottor Paul Vella bejn Awwissu tas-sena 2005 u Novembru tas-sena 2009. Tul dan iż-żmien, lill-attriċi sarulha tliet interventi konsistenti fi *bridges,* mili ta' snien u tneħħija ta' snien ħżiena[10]. Wara li saru l-ewwel interventi, l-attriċi ilmentat b'uġiegħ fil-*bridges* u kif ukoll minn uġiegħ fis-saqaf ta' ħalqha. Kien f'dan l-istadju meta l-imħarrek Vella laqqa' lill-atturi mal-Kirurgu Dentist, l-imħarrek Dottor James Galea. Lejn l-aħħar tas-sena 2009, l-imħarrek Galea għamel intervent kirurġiku fi klinika privata fuq l-attriċi biex jindirizza l-ilmenti tagħha, għal liema intervent l-imħarrek Vella jgħid li kien osservatur biss[11]. Fl-ewwel tlett xhur tas-sena 2010, l-imħarrek Vella assista lill-imħarrek Galea fil-kura kontra l-ferita li l-attriċi kellha f'ħalqha wara li kienet saritilha l-operazzjoni[12]. L-atturi jgħidu illi l-uġiegħ baqa jippersisti, u l-intervent ma sewa għal xejn. Jgħidu wkoll illi l-imħarrkin għamlu xogħol ħazin billi l-*bridges* kienu illaxkaw[13];

Illi fit-30 ta' Novembru, 2011[14], l-atturi bagħtu ittra uffiċjali lill-imħarrkin biex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni li ġarrbu minħabba fl-aġir tagħhom. Huma ressqu bosta rċevuti marbuta mal-ispejjeż li daħlu fihom[15]. L-imħarrek Vella ġie notifikat bl-ittra uffiċjali fit-3 ta' Diċembru, 2011, filwaqt li l-imħarrek Galea fil-5 ta' Diċembru, 2011[16], għalkemm

[10] Ara Dok. "PVX1" f'paġ. 49 tal-proċess
[11] Ara x-xhieda ta' Dr Paul Vella f'paġ. 45 tal-proċess u ta' Caroline Sciberras f'paġ. 47 tal-proċess
[12] Ara x-xhieda ta' Dr Paul Vella f'paġ. 45 tal-proċess
[13] Ara affidavit ta' Carmela Galea f'paġġ. 59 – 60 tal-proċess
[14] Dok. "B" f'paġ. 12 tal-proċess
[15] Dok. "F" f'paġ. 39 tal-proċess;
[16] Paġ. 12B tal-proċess

jisħaq li l-ittra ma ntbagħtitx fil-klinika tiegħu imma fil-klinika fejn kien opera lill-attriċi[17]. L-imħarrek Vella wieġeb għall-ittra uffiċjali tal-atturi b'oħra tad-19 ta' Diċembru, 2011[18] biex ċaħad il-pretensjonijiet tagħhom u biex iwissihom dwar il-ħsara li qegħdin jagħmlu bix-xiljiet tagħhom u l-passi li kien sejjer jieħu kontrihom dwar dawk l-istess allegazzjonijiet;

Illi l-imħarrkin jgħidu li l-ilmenti tal-atturi kienu riżultat ta' żviluppi li kienu qed isiru f'ħalq binthom[19], u li huma ma jaħtu xejn għal dak li kienu qed jilmentaw minnu l-atturi;

Illi l-atturi fetħu din il-kawża fil-31 ta' Jannar, 2013;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-aspett legali tal-eċċezzjoni** taħt eżami, iż-żmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'riferenza għall-azzjoni kif imfassla[20]. Din hija għażla li l-liġi tagħti lil kull parti attriċi, u hija fuq din l-għażla li jiddependi l-eżitu tal-azzjoni. Dan ifisser li jekk parti tagħżel li tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra parti oħra fuq kawżali partikolari, l-eċċezzjoni li titqanqal mill-parti mħarrka kontra l-azzjoni magħmula kontriha trid titkejjel fuq dik il-kawżali u mhux fuq x'taħseb il-parti mħarrka li setgħet kienet il-kawżali vera. Għalhekk, il-Qorti trid l-ewwel tqis jekk l-artikolu tal-preskrizzjoni li jkun eċċepit ikunx japplika għaċ-ċirkostanzi tal-azzjoni li l-eċċezzjoni trid twaqqaf, qabel ma tgħaddi biex tistħarreġ il-provi. Dan qed jingħad għaliex, f'każ li ż-żmien preskrittiv eċċepit ma jkunx applikabbli, ma jkun jiswa xejn li l-Qorti tistħarreġ il-provi;

Illi għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għemil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ, iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt (l-hekk msejħa *culpa aquiliana*), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili); u (ċ) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' obbligazzjoni li mhix imfissra f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames (5) snin[21]. Kieku l-obbligazzjoni tkun imfissra f'att pubbliku, jidher li l-preskrizzjoni tkun dik ta' tletin (30)

[17] Ara l-affidavit ta' Dr James Galea f'paġ. 54 tal-proċess
[18] Dok "Ċ", f'paġ. 16 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda ta' Dr Paul Vella f'paġġ. 44 – 5 tal-proċess u fil-kontro-eżami f'paġġ. 51B. Ara wkoll l-affidavit ta' Dr James Galea f'paġ. 53 tal-proċess
[20] App. Ċiv. **24.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Boġg vs Testaferrata Boniċi*** (Kollez. Vol: **XLII.i.153**) u Kumm. **29.11.1971** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Calleja vs. Anthony Portelli noe*** (mhix pubblikata)
[21] Ara b'eżempju App. Ċiv. **27.4.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef nomine vs Cassar*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.140**)

sena[22], u dan għaliex iż-żmien preskrittiv dwar in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali huwa dak relattiv għall-obbligazzjoni nnfisha[23];

Illi l-fattur li jsejjes il-ħtija akwiljana (jew dik li titnissel barra r-rabta kuntrattwali) huwa dak li l-persuna hija obbligata li, f'għemilha, ma tikkawżax ħsara jew dannu lil ħaddieħor taħt il-prinċipju tan-*neminem laedere*. Min-naħa l-oħra, il-ħtija mnissla mir-rabta kuntrattwali tissejjes fuq l-obbligazzjoni li l-parti fil-kuntratt għandha d-dmir li twettaq dak li għalih intrabtet mal-parti kontraenti l-oħra. Fil-fatt, jista' jagħti l-każ li għalkemm fatt wieħed jista' jagħti lok kemm għal azzjoni ta' danni akwiljani, u kif ukoll (jekk ikun il-każ) għad-danni kuntrattwali, il-qies ta' liema żmien preskrittiv għandu japplika jittieħed mill-bażi rejali tat-talba attriċi[24];

Illi huwa magħruf ukoll li mhux kull ħsara li tiġġarrab waqt jew minħabba l-mod kif ikun twettaq kuntratt twassal għall-ħtija kuntrattwali. Jista' jkun li nuqqas jagħti lok xorta waħda għal ħtija akwiljana, minkejja li jkun seħħ waqt u bis-saħħa ta' rabta kuntrattwali. Għalhekk, biex ħsara mġarrba waqt it-twettiq ta' kuntratt titqies li hija akwiljana u mhux kuntrattwali, jeħtieġ jintwera li tali ħsara ma jkollha x'taqsam xejn mar-relazzjoni kuntrattwali eżistenti bejn il-partijiet[25];

Illi, għalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, minbarra li ma tapplikax għall-ħsara maħluqa minn għemil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata ħsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali jew obbligazzjoni li tixbahha[26];

Illi l-imħarrkin isejsu l-eċċezzjoni tagħhom fuq l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili għaliex jgħidu li l-azzjoni attriċi tinbena fuq il-ħtija akwiljana u jwarrbu l-bażi kuntrattwali tal-ilmenti tal-atturi *nomine*;

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-atturi jsejsu t-talba tagħhom fuq il-bażi tas-servizzi (mhux tajba) mogħtija lil binthom mill-imħarrkin. L-atturi jgħidu li huma straħu fuq il-pariri li ngħataw mill-imħarrkin. Huma jqisu r-relazzjoni li kellhom mal-imħarrkin bħala waħda mibnija fuq kuntratt, u jibnu l-azzjoni ta' danni fuq n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligi kuntrattwali (l-inadempiment). F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-atturi jgħidu li ż-

[22] App. Ċiv. **11.12.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Cassar Torreggiani*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.806**)
[23] P.A. **22.6.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Fava vs. Bonniċi*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.581**)
[24] P.A. **18.8.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri pro et noe vs Castle*** (Kollez. Vol: **XLIV.ii.1027**)
[25] App. Kumm. **19.2.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Busuttil vs. Schembri*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.292**)
[26] Ara P.A. **9.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Stivala vs Colombo*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.622**)

żmien preskrittiv applikabbli mhuwiex dak maħsub fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili[27];

Illi l-Qrati tagħna kellhom bosta okkażjonijiet fejn qiesu n-natura tar-relazzjoni bejn il-pazjent u t-tabib fejn tressqu quddiemhom azzjonijiet dwar ħsara b'effett tal-għoti ta' prestazzjonijiet professjonali. Għandu jingħad illi l-konklużjonijiet li waslu għalihom mhux dejjem qablu, b'uħud minnhom li jqisu r-relazzjoni bħala waħda mibnija fuq il-kważi-delitt jew kolpa akkwiljana[28], u oħrajn bħala bażi kuntrattwali[29];

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi r-relazzjoni bejn l-atturi u l-imħarrkin f'din il-kawża hija msejsa fuq il-kuntratt imnissel bil-ħatra li ngħataw mill-atturi u li huma aċċettaw li jwettqu. Dan qed jingħad għaliex meta l-atturi fittxew is-servizz tal-imħarrkin, u l-imħarrkin laqgħu l-istedina u taw is-servizz tagħhom lil binthom l-attriċi, il-partijiet daħlu f'relazzjoni kontrattwali. Dan joħroġ ukoll mill-premessi tar-Rikors promotur. F'dan l-istadju, il-Qorti bl-ebda mod ma qiegħda tgħaddi xi ġudizzju jew tagħti raġun lil xi waħda mill-partijiet dwar l-allegazzjonijiet jew d-difiża li nġabet għalihom. Għal skop ta' din is-sentenza, il-Qorti tqis biss illi kif sewwa jgħid l-għaref Avukat tal-atturi, iż-żmien preskrittiv applikabbli mhuwiex dak maħsub fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili[30];

Illi mhuwiex mogħti lill-Qorti li tgħid hija liema żmien preskrittiv jgħodd għall-każ. Xogħol il-Qorti huwa dak li tara li l-preskrizzjoni mqanqla mill-parti mħarrka tkun tgħodd għall-każ. Kif ingħad, l-artikolu tal-liġi li ż-żewġ imħarrkin jinqdew bih biex isejsu l-eċċezzjoni tagħhom ma jgħoddx għall-każ u għalhekk lanqas għandha bżonn il-Qorti li tidħol fil-kwestjoni – imtellgħa mill-atturi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom – dwar minn meta għandu jibda jitqies li beda jgħaddi ż-żmien għall-azzjoni attriċi;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru, il-Qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni preliminari ta' kull wieħed miż-żewġ imħarrkin mhijiex tajba;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

---

[27] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi f'paġġ. 72 – 5 tal-proċess
[28] App. Ċiv. **2.4.1951** fl-ismijiet ***Savona pro et noe vs Asphar et*** (Kollez. Vol: **XXXV.i.55**); P.A. **18.7.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ et vs Fiorini*** (mhux appellata)(Kollez. Vol: **LXXVIII.iii.103**)
[29] P.A. DS **24.7.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Agius et vs Cutajar*** (konfermata fl-appell fit-**30.5.2003**); App. Ċiv. **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Rose Gauċi et vs Mr Donald Feliċe et*** u r-ritrattazzjoni fl-istess ismijiet deċiża fit-**8.10.2009**
[30] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Manicolo vs Ħili*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.393**, fol. 403-405)

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrek Dentist Dottor James Galea, u t-**tieni eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrek Dentist Dottor Paul Vella billi ssib li ż-żmien preskrittiv imsemmi f'dik l-eċċezzjoni ma jgħoddx għall-azzjoni attriċi;

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-**ewwel eċċezzjoni preliminari** mressqa mill-imħarrek Dentist Dottor Paul Vella billi irtiraha bin-nota tiegħu tad-29 ta' Mejju, 2014;

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jissokta bil-ġbir tal-provi fil-mertu; u

**Tordna** li l-imħarrkin iħallsu l-**ispejjeż** marbuta ma' din is-sentenza.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**
**29 ta' Settembru, 2016**

**Carmen Sciclna**
**Deputat Reġistratur**
**29 ta' Settembru, 2016**